# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 206/2016**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Bugeja**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 269476(M)

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Emanuel Bugeja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta’ Dicembru, 2015 fil-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Romina Bugeja s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fiz-zmien hmistax minn dak il-hin illi fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-

Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, ordnat li l-ammont dovut ta' €267.45 lill-parte civile jithallas fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Bugeja pprezentat fil-25 ta' April, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-istess sentenza u ghaldaqstant tiddikjara lill-esponenti mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

- Illi b'kull rispett jinghad illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irrizultaw quddiemha ghaliex effettivament kien hemm nuqqas kbir ta' provi u ghaldaqstant l-esponenti kellu jigi liberat b'dan illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-esponenenti assolutament u bl-ebda mod ma giet ippruvata.

- Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti sabiex l-esponenti jhallas lill-Romina Bugeja s-somma ta' mitejn sebgha u sittin euro u hamsa u erbghin euro centezmu (€267.45), allegatament rapprezentanti l-bilanc illi l-istess Romina Bugeja ma lahqitx gibdet mill-kont bankarju taghha, b'dan illi f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ma setghet tasal qatt ghal tali konkluzjoni meta l-*parte civile* naqset bl-aktar mod assolut milli tipproduci kwalunkwe dokument illi b'xi mod jikkonferma l-ammont illi hija allegatament gibdet mill-kont bankarju taghha u l-bilanc illi ghaldaqstant hija allegatament ghad fadlilha tiehu.

Illi bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, jigi rilevat umilment illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad li trid il-ligi ghall-sejbien ta' htija ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-istess esponenti u dan kif ser jigi debitament spjegat permezz tar-rikors odjern.

Illi fil-kamp kriminali l-akkuzat huwa prezunt innocenti sakemm ma jigiex ippruvat il-kuntrarju b'dan illi huwa principju ben risaput illi min jallega jrid jipprova u ghaldaqstant hija l-

prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi **<u>li jmorru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni</u>** sabiex il-Qorti, wara li tkun ezaminat tali provi, tkun tista' tasal ghal decizjoni.

Illi minn dan isegwi li meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali tista' tinstab htija biss f'kaz illi l-provi migjuba jwasslu ghall-konkluzjoni li tmur lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-akkuzat ikun ikkommetta r-reat li bih ikun qiegħed jigi akkuzat.

Illi jekk wiehed ihares lejn il-fatti tal-kaz odjern u il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta car illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-esponenti ma tistax tissussisti.

Illi primarjament l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min: -

> *'meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna* ***<u>fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma'</u>***[1]

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jirrileva umilment illi, kif spjegat, id-digriet illi permezz tieghu l-esponenti gie ordnat ihallas il-manteniment in kwistjoni ta' erba mitt euro (€400.00) fix-xahar huwa datat <u>sbatax (17)</u> ta' Novembru, 2014, b'dan illi in segwitu ghall-istess digriet l-esponenti baqa' jeffetwa l-manteniment ta' kull xahar.

Illi l-manteniment ghax-xahar ta' Dicembru, 2015, kif ikkonfermat anke mill-istess *parte civile* u kif jirrizulta mill-*istatement* ezebit fl-atti gie effetwat fl-intier tieghu <u>fis-26 ta' Novembru 2015, senjatament disa' (9) tijiem mid-data tad-digriet, u minn meta l-manteniment kien dovut ghax-xahar in kwistjoni ai termini ta' l-istess digriet,</u> u ghaldaqstant certament ukoll fi zmien hmistax (15) minn dak il-jum li fih il-manteniment kellu jithallas, ai termini ta' l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat.

---

[1] Enfazi Mizjud

Illi l-prosekuzzjoni mhux talli naqset milli ggib kwalunkwe prova li b'xi mod tindika li l-esponenti naqas milli jhallas il-manteniment ghax-xahar ta' Dicembru, 2015 fiz-zmien stipulat, talli ghall-kuntrarju sahansitra kien hemm ammissjoni mill-*parte civile*, Romina Bugeja, innifisha fis-sens illi hija rceviet il-manteniment ghax-xahar ta' Dicembru fl-intier tieghu fis-26 ta' Novembru, 2015.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti jirrileva umilment illi r-raguni li skont il-*parte civile* hija ma rcevietx l-ammont intier tal-manteniment dovut lilha hi biss dovuta ghall-fatt illi hija naqset milli tigbed l-istess ammont b'dan illi l-bilanc ta' mitejn sebgha u sittin euro u hamsa u erbghin euro centezmu (€267.45) allegatament kien ghadu depozitat fil-kont bankarju taghha meta gie intavolat il-mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha.

Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi anke jekk dan kien il-kaz, dan xorta wahda bl-ebda mod ma jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija da parti ta' l-esponenti, stante illi kjarament la darba huwa hallas il-manteniment dovut fit-terminu stipulat fil-ligi huwa ma setghax jinstab hati ta' l-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu, jigi rilevat umilment illi l-*parte civile* sahansitra naqset milli tipproduci imqar *bank statement* illi b'xi mod jikkonferma l-allegazzjoni taghha fis-sens illi mill-erba mitt ewro (€400) depozitati mill-esponenti hija verament lahqet gibdet biss mija u tnejn u tletin euro u hamsa u hamsin euro centezmu (€132.55). Ghaldaqstant dak illi ghandna effettivament huwa konferma li l-esponenti hallas il-manteniment fl-intier tieghu, u fiz-zmien akkordat bil-ligi, u ma hemm assolutament ebda prova ohra li b'xi mod turi l-kuntrarju, salv l-allegazzjoni tal-*parte civile* li ma giet sostanzjata bl-ebda mod ghalkemm setghet facilment taghmel dan.

Illi minn dan isegwi li fil-kaz odjern kien hemm karenza assoluta ta' provi li, partikolarment fil-kamp kriminali, certament illi ma setghu qatt iwasslu ghas-sejbien ta' htija ta' l-esponenti. Illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min qed jallega, b'dan illi l-prosekuzzjoni naqset bl-aktar mod assolut milli ggib kwalunkwe prova sabiex issahhah it-tezi taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess l-esponenti jirrileva umilment illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, u ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jinghad illi Romina Bugeja verament kienet lahqet gibdet biss parti mill-manteniment intier iddepozitat mill-esponenti, l-istess *parte civile* kellha rimedji alternattivi sabiex ikollha access ghal tali bilanc ta' fondi fosthom permezz ta' rikors quddiem il-qorti civili kompetenti sabiex hija tigi awtorizzata tirtira l-bilanc dovut lilha in liena ta' manteniment u depozitat f'isimha. Certament illi ma ghandux ikun l-esponenti li jbaghti ghan-nuqqas ta' Romina Bugeja li tintavola rikors f'dan ir-rigward u ghaldaqstant taghmel uzu mir-rimedji civili li certament illi kienu u ghadhom disponibbli ghaliha.

Illi ulterjorment kieku wiehed kellu jistrieh fuq l-argument tal-*parte civile* allura wiehed effettivament ikun qed ighid illi l-esponenti qatt u fl-ebda hin ma setgha jintavola mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu, kif *del resto* ghamlet hi, stante illi naturalment huwa qatt ma setgha jkun jaf kif u meta l-istess Romina Bugeja kienet qed taghmel uzu mill-manteniment depozitat minnu ta' kull xahar.

Illi finalment u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess l-esponenti jirrileva umilment illi l-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti fis-sens illi huwa ghandu jhallas lil parte civile is-somma ta' mitejn sebgha u sittin euro u hamsa u erbghin euro centezmu (€267.45) effettivament tfisser illi l-esponenti jkun qed ihallas manteniment kwazi doppju ghax-xahar ta' Dicembru 2015, meta huwa qatt u fl-ebda hin ma naqas mill-obbligi tieghu f'dan ir-rigward.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess l-esponenti jirrileva umilment illi kwalunkwe dubju ghandu jopera favur l-akkuzat, b'dan illi bir-rispett jinghad illi l-kaz odjern huwa wiehed karatterizat minn assenza assoluta ta' provi, b'dan illi ghaldaqstant certament illi jezisti d-dubbju dettat mir-raguni illi ghandu jopera favur l-esponenti.

Illi minn dan isegwi u l-esponenti umilment jirrileva li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghad-decizjoni taghha kif fuq citata a bazi tal-provi prodotta quddiemha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi permezz ta' nota tal-parte civile tat-2 ta' Novembru, 2016 il-Qorti giet infurmata li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Emmanuel Bugeja u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bla kondizzjoni.